MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 1417/1996/1

**Joseph Mifsud f'ismu proprju u bhala rapprezentant ta' ibnu Clinton Mifsud u b'nota tat-2 ta' Frar 2004, l-istess Clinton Mifsud assuma l-atti f'ismu proprio inkwantu jirrigwardaw lilu, u dan peress li llum hu maggorenni**

**v.**

**Tania Craus**

**Il-Qorti:**

**<u>I PRELIMINARI</u>**

1. Fit-3 ta' Mejju 1994, l-attur Clinton Mifsud – li dak iz-zmien kellu l-eta` ta' madwar ghaxar (10) snin – intlaqghat bil-karozza Numru F-1797 misjuqa mill-konvenuta Tania Craus. L-incident gara fil-Kullegg De La Salle, il-Kottonera, hdejn il-gym, ezattament fil-post muri fir-ritratti li jinsabu esebiti a fol. 36 tal-process.

2. Joseph Mifsud, missier Clinton, intavola l-odjerna kawza kontra l-konvenuta, kemm f'ismu proprju kif ukoll f'isem l-imsemmi ibnu minuri fit-3 ta' Mejju 1996, quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili. Billi fil-mori tal-kawza Clinton sar maggorenni huwa assuma l-atti tal-kawza f'ismu proprju b'nota tat-2 ta' Frar, 2004. L-atturi talbu lil dik il-Qorti li tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Huma talbu wkoll li dik il-Qorti tillikwida d-danni kagunati lilhom minhabba l-istess incident, kif ukoll li l-konvenuta thallashom l-ammont hekk likwidat ta' danni.

3. Il-konvenuta kkontestat il-kawza b'diversi eccezzjonijiet, fosthom li hija ma kenitx responsabbli ghall-incident in kwistjoni, u li l-htija ta' dan kienet tat-tifel stess.

4. Fit-30 ta' Marzu 2001, l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet l-imsemmija eccezzjoni tal-konvenuta u cahdet it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu, u dan ghar-ragunijiet spjegati fl-istess sentenza. Kopja shiha ta' din is-sentenza qeghda tigi annessa bhala appendici ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**<u>II L-APPELL</u>**

5. L-atturi hassewhom aggravati minn din is-sentenza u ghalhekk appellaw minnha quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ta' appell prezentat minnhom fid-19 ta' April, 2001. Ghar-ragunijiet imfissra fih, l-appellanti talbu li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet ta' l-atturi appellanti u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta appellata – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-imsemmija konventa appellata.

6. Il-konvenuta appellata ikkontestat l-appell b'risposta pprezentata minnha fl-4 ta' Mejju, 2001. Fiha hija spjegat ir-raguni tal-kontestazzjoni li kienet qeghda taghmel u talbet li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell ghar-ragunijiet imfissra fl-istess risposta kif ukoll ghar-ragunijiet migjuba fis-sentenza appellata – u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

7. Il-provi li tressqu dwar id-dinamika ta' l-incident in kwistjoni huma skarsi hafna. Dwar dan l-aspett xehdu biss l-attur Joseph Mifsud kif ukoll il-konvenuta Tania Craus. Huma taw verzjonijiet pjuttost konfliggjenti. Il-pulizija ma ssejhux fuq il-post appena sar l-incident, izda dawn gew infurmati bil-kaz mit-tobba meta Clinton Mifsud iddahhal ghall-kura medika. Is-Surgent PS1354 Edward Grixti kellem lill-konvenuta izda ma kellemx ukoll lill-atturi. L-ewwel Qorti zammet access fuq il-post u tat kredibilita` ghall-verzjoni tal-konvenuta. B'hekk, laqghet l-eccezzjoni taghha li kien it-tifel stess li kien jahti ta' l-incident. Is-sentenza appellata taccenna ghall-provi li tressqu dwar kif sar l-incident. In succint, l-attur Joseph Mifsud xehed li huwa dahal bil-van tieghu gewwa l-ground tal-Kullegg De La Salle biex jigbor lill-ibnu minn hemmhekk. Kif dahal mill-bieb li jinsab fuq in-naha ta' wara ta' l-iskola, huwa ra lill-ibnu qed jigri fuq in-naha tal-genb tal-gymnasium, xi pied minn mal-hajt ta' dan il-gymnasium. Mument minnhom ra l-konvenuta, li kienet hierga minn go l-iskola, tigbed habta u sabta l-vettura taghha fuq ix-xellug u kif ghamlet hekk hija qabdet saqajn it-tifel. L-attur beda jghajjat u mar jara x'gara lill-ibnu. Tefghu fil-van u mar bih il-policlinic ta' Bormla. Il-konvenuta tat verzjoni differenti ta' kif gara l-incident. Hija xehdet li t-tifel kien fuq cint ma' tfal ohra qed jilghabu jistennew lill-genituri taghhom biex jigbruhom. Meta gie missier it-tifel, dan ta' l-ahhar qabez mic-cint biex imur hdejn missieru. Hi kienet ghaddejja bi *speed* kemm ticcaqlaq u fil-post hemm *sleeping policeman*. Hija xehdet li t-tifel nizel minn fuq ic-cint f'daqqa u hasadha. Meta rat lit-tifel nizel minn fuq ic-cint hija bdiet tghajjat u zammet mall-ewwel awtomatikament. It-tifel intlaqghat x'aktarx bir-rota ta' quddiem, hsara fil-karozza ma sabet xejn. It-tifel intlaqghat fl-ghaksa ta'

saqajh il-leminija. Bejn il-karozza u c-cint kien hemm ftit anqas minn metru. Meta l-konvenuta kienet qeghda taghti x-xiehda taghha quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, hija kkonfermat id-dikjarazzjoni li kienet ipprezentat man-Nota ta' l-Eccezzjoni taghha li tinsab a fol. 9 tal-process u fiha *inter alia* jinghad li wara li t-tifel intalqghat hija spiccat b'xokk u l-attur Joseph Mifsud qalilha biex tikkalma u biex it-tifel thallih f'idejh u qalilha: "la hareg, hareg". Is-Surgent Edward Grixti xehed li meta kellem lill-konvenuta din qaltlu li kienet hierga bil-karozza mill-iskola u kien hemm tfal fuq in-naha tax-xellug taghha u li Clinton Mifsud x'hin ra lill-missieru jfigg mill-bieb ta' l-iskola qasam u hija laqtitu. Xehed li huwa kellem lill-konvenuta biss.

8. Kif diga' ntqal l-ewwel Onorabbli Qorti tat aktar kredibbilita` ghall-verzjoni tal-konvenuta. Infatti, l-ewwel Qorti kienet sodisfatta li rrizulta li l-attur Clinton Mifsud, dakinhar ta' l-incident, kien qed jilghab fuq ic-cint ma' tfal ohra, meta ra lill-missieru diehel fl-iskola, it-tifel istintivament qabez minn fuq ic-cint biex imur fejn missieru, imma kif appena nizel minn fejn kien gie fit-trajittorja tal-karozza tal-konvenuta, u din laqtitu. L-ewwel Qorti kienet sodisfatta li l-moviment tat-tifel kien wiehed rapidu u inaspettat b'mod li lohoq emergenza subitanea lill-konvenuta li ma setghetx tevita li tolqot it-tifel. L-ewwel Qorti kienet sodisfatta li ma kien l-ebda traskuragni fis-sewqan da parti tal-konvenuta li rrizultalha li kienet qed tuza d-debita prudenza. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm nuqqas ta' prudenza da parti tat-tifel meta huwa qasam minghajr ma qabel xejn accerta ruhu li seta' jaghmel hekk minghajr ebda perikolu, haga li manifestament it-tifel ma ghamilx. L-ewwel Qorti ghalhekk ikkonkludiet li t-talba attrici ma setghetx tintlaqa' ghalkemm hija rrakkommandat li pagament *ex grazia* da parti ta' l-assikurazzjoni ma jkunx barra minn loku.

9. Bl-ewwel aggravju taghhom l-atturi qeghdin jikkritikaw is-sentenza appellata ghaliex din, fil-fehma taghhom, ma ddistingwietx bejn sewqan fl-abitat u sewqan fi skola. Huma jghidu li l-ewwel Qorti kienet kompletament zbaljata meta applikat ir-regoli normali ta' incident stradali ghal dan il-kaz li kellu cirkostanzi differenti billi sehh fl-ambjent ta'

skola. L-appellanti ssottomettew li l-ewwel Qorti messha esigiet grad aktar gholi ta' responsabbilita` da parti ta' sewwieq li jkun qieghed isuq gewwa skola, kemm ghal dik li hija attenzjoni, sorveljanza kif ukoll velocita` ta' sewqan. L-appellanti ssottomettew li huma kienu ccitaw gurisprudenza lill-ewwel Qorti li taghti konfort lil din it-tezi taghhom, liema gurisprudenza pero`, l-ewwel Qorti ma kkunsidratx.

10. Hija haga mil-lewn id-dinja li huwa dover ta' kull sewwieq li jirregola u jaddatta s-sewqan tieghu ghal-lok specifiku fejn ikun qieghed isuq, kif ukoll ghac-cirkostanzi partikolari ezistenti hemmhekk f'dak il-hin. Akbar ma jkun il-potenzjal u r-riskju ta' perikolu, akbar huwa l-grad ta' attenzjoni, diligenza u prudenza fis-sewqan rikjesta mis-sewwieq. Ghalhekk din il-Qorti bhala principju, taqbel ma' l-appellanti li s-sewqan f'ambjent ta' skola – partikolarment meta t-tfal ikunu dehlin jew hergin minnha – jirrikjedi grad akbar ta' attenzjoni u prudenza minn sewqan fi triq normali.

11. Huwa veru li l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata hadet in konsiderazzjoni principji generali ta' dritt li jikkoncernaw incident bejn sewwieq u *pedestrian*, pero`, dan ma jfissirx li l-ewwel Qorti ddecidiet, kif jallegaw l-appellanti, "li ma hemm ebda forma ta' differenza bejn sewqan fl-abitat u dak fi skola". Il-principji legali li jirregolaw il-materja u li fissret l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata huma ta' natura wiesa' bizzejjed biex isibu applikazzjoni korretta anke fl-ambjent ta' skola. Ghalkemm l-ewwel Qorti ma ccitatx espressament is-sentenza ***Emmanuel Barun pro et noe v. Paul Debono*** moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 1989, liema sentenza saret referenza ghaliha mill-atturi fin-Nota ta' Osservazzjonijiet li pprezentaw fit-30 ta' Jannar 2001, pero` l-ewwel Qorti ccitat sentenza li giet citata f'dik is-sentenza. Hawnhekk il-Qorti qeghda taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Jannar 1970, fl-ismijiet ***Bongailas v. Mercieca*** li fiha ntqal li ghalkemm ma hemmx presunzjoni li *pedestrian* ghandu dejjem ragun, pero` huwa ma ghandux jitqies bhala intruz.

12. Certament, meta l-ewwel Onorabbli Qorti ccitat dak li qalet il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana meta din il-Qorti stabbiliet principji importanti f'materja tal-limiti ta' responsibbilita` ta' konducent meta jigi mtajjar *pedestrian*, l-ewwel Qorti hejjiet wisq tajjeb it-terren legali li fuqu bbazat il-konsiderazzjoni fattwali li ghamlet dwar il-kaz. Ma jkunx barra minn loku li dawn il-principji jerghu jigu msemmija f'din is-sentenza:

**"1. Che il conducente per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita` di avvistare il pedone e di osservarne tempesitvamente i movimenti.**

**2. Che i movimenti del pedone siano cosi rapidi e inattesi da farlo convergere all'improvviso sulla traiettoria del veicolo.**

**3. Che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."**

13. Skartat l-ewwel aggravju ta' l-appellant, il-Qorti issa sejra tezamina t-tieni aggravju taghhom. L-appellanti ssottomettew li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta waslet ghall-konkluzjoni li huma ma kenux certi fuq it-tort tal-konvenuta meta din ghazlet li ticcita siltiet minn paragrafu 6 tan-Nota ta' Osservazzjonijiet taghhom. L-appellanti enfasizzaw li huma interpretaw dak li xehdet il-konvenuta stess u ddeducew li din, jew ma kenitx attenta, jew inkella kienet ghaddejja bi speed eccessiv ghall-post in kwistjoni. L-appellanti jghidu li l-konvenuta ma setghetx tindika kif effettivament sar l-incident. Hija ma setghetx u ma rnexxilhiex taghti verzjoni preciza ta' kif laqtet il-minuri. Hija kienet incerta ghall-ahhar fejn u kif laqtitu. L-appellanti ssottomettew li l-atti kollha jindikaw li l-konvenuta kienet distratta u ma kellhiex mohhha hemm. Hija ma kenitx qed izzomm *a proper look out* u ma kenitx qeghda tezercita diligenza necessarja fis-sewqan taghha. Diversament, kienet tieqaf qabel u lit-tifel ma tolqtux. L-appellanti sostnew li l-atti jindikaw li b'mod car u tond li l-

incident sehh unikament b'tort tal-konvenuta, li bhala *teacher* f'dak il-kullegg, hija kienet taf tajjeb l-ambjent ta' l-iskola u rrizulta li hija ma kenitx f'posizzjoni li taghti spjegazzjoni cara ta' kif sehh l-incident. Ghaldaqstant, hija kellha tinstab unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

14. Fir-Risposta ta' Appell taghha, l-appellata rreferiet ghax-xiehda taghha fejn inter alia qalet hekk:
"Sa fejn naf jien intlaqat bir-rota. Ma neskludix li sata ntlaqat ukoll minn parti mill-karozza. Hsara fil-karozza ma sibt xejn. It-tifel ntlaqat fl-ghaksa ghalhekk qed nassumi li ntlaqat bir-rota." U, "jien hassejt it-tifel jintlaqat bir-karozza. Jiena ma rajtux jintlaqat".

L-appellata sostniet li meta hija xehdet hekk hija kienet sinciera u skjetta hafna u minn fuq l-appellanti qed jixluha b'nuqqas ta' *proper look out*. L-appellata tghid li hija sabet ruhha rinfaccjata b'emergenza billi t-tifel qabez ghal quddiemha u hi tant kienet issuq bil-mod li fil-karozza taghha ma kellha hsara ta' xejn. L-appellata kompliet tghid hekk fl-istess risposta taghha:
"Mill-bqija, min ikun wara d-driver's wheel (bhalma kienet l-esponenti) kif jista' jghid jekk tifel, jintlaqatx fl-ghaksa jew fis-swaba tas-sieq jew jekk wara kollox jernixxilux jehlisha illez? Meta l-esponenti qalet "jien ma rajtux jintlaqat" – jekk wiehed jirraguna sew u mhux "ilaqqat qiegh il-borma" – fin-nuqqas ta' provi veri, dan ifisser li t-tifel ratu jaqbez ghal quddiemha, hassitu mal-car izda precizament xi gralu u x'sofra seta' jigi stabbilit wara. Wiehed irid iqis is-"suddenness" ta' l-incident inaspettat. Kieku l-esponenti ma kellhiex "proper look-out" kieku l-incident kien ikollu konsegwenza aghar."

15. Jidher car li l-appellanti b'dan l-aggravju taghhom qeghdin jikkontestaw l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata. Jirrizulta li dik il-Qorti mhux biss gabret hija stess il-provi izda wkoll zammet access fuq il-post biex tkun f'posizzjoni ahjar li taghti l-gudizzju taghha.

16. Huwa risaput li l-obbligu u d-dover tal-prova li l-konvenut tahti ghall-incident li fih safa korrut l-appellant Clinton Mifsud jinkombi fuq spallejn l-atturi li qeghdin jallegaw li l-incident in kwistjoni sar unikament tort taghha. Ghalhekk, huwa applikabbli l-principju li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Principju iehor li huwa relevanti hafna f'dan il-kuntest huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qort ta' revizjoni tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bazata fuqu tkun qed issir ingustizzja lejn xi parti.

17. L-appellanti donnhom qeghdin jargumentaw li ladarba Clinton Mifsud, li dak iz-zmien kien ghad biss kellu ghaxar (10) snin, intlaqghat mill-konvenuta bil-karozza gewwa skola, allura din tahti ghall-incident ghaliex ma kinitx qeghda ssuq b'mod prudenti. Din il-Qorti tissimpatizza ma' l-appellanti ghaliex hija sfortuna kbira li sehh dan l-incident li fih l-appellant Clinton Mifsud safa mwegga'. Madanakollu l-Qorti ghandha dover li tibbaza l-gudizzju taghha unikament fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemha, liema provi ghandhom ikunu ezaminati u valutati fuq il-kriterju tal-verosimiljanza u l-bilanc ta' probabiltajiet. Jirrizulta li l-Qorti ghandha quddiemha zewg verzjonijiet ta' kif sehh l-incident li huma pjuttost konfliggenti. Din il-Qorti gharblet akkuratament il-provi kollha akkwiziti fil-process u minghajr ebda ezitazzjoni ssib, bhall-ewwel Qorti, li l-verzjoni tal-konvenuta hija aktar kredibbli u verosimili. Il-provi fil-process juru li l-konvenuta appellata kienet qeghda tuza d-debita prudenza fis-sewqan taghha fl-iskola u ma rrizulta li kien hemm l-ebda traskuragni fis-sewqan taghha. Sfortunatament il-moviment tal-minuri kien wiehed rapidu u inaspettat b'mod li ghall-konvenuta nholqot emergenza subitanea u b'hekk hija ma setghetx tevita li tolqot lit-tifel. Il-verzjoni li ta Joseph Mifsud kienet fis-sens li huwa ra lill-ibnu qed jigri fuq in-naha tal-genb tal-gymnasium xi pied minn mal-hajt u f'mument minnhom il-konvenuta li kienet hierga bil-karozza taghha, gibdet

habta u sabta fuq ix-xellug u kif ghamlet dan qabdet saqajn it-tifel. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti din il-verzjoni ta' l-appellant ftit li xejn hija verosimili. Ma ntweriet l-ebda raguni ghaliex il-konvenuta kellha tigbed habta u sabta fuq ix-xellug. Meta wiehed iqis il-kummenti li ghamlu l-appellanti fuq il-velocita` tal-konvenuta, kieku l-konvenuta gibdet habta u sabta fuq ix-xellug, it-tifel ma kienx semplicement jintlaqat fl-ghaksa ta' saqajh, izda l-incident kien ikollu konsegwenzi ferm aktar gravi ghaliex x'aktarx huwa kien jintghasar bejn il-karozza u l-hajt.

18. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm il-htiega li tkompli telabora fuq il-provi ghaliex din il-Qorti taqbel sostanzjalment mal-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjoni li waslet ghalihom l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata.

19. Ghal dawn il-motivi tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li anke l-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu mill-appellanti.

Deputat Registratur
Mgc

**<u>APPENDICI</u>**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Marzu 2001, fl-ismijiet Joseph Mifsud proprio et nomine v. Tania Craus, qeghda tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------